MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 2998/1996/1

**APS Bank Ltd**

**v.**

**Colcam International Marketing Associates Limited; Charles Camenzuli u martu Helen Camenzuli, u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2001 gie kjamat fil-kawza Anthony Coleiro u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2004, l-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi deputati sabiex jidhru, ghas-sojceta` Colcam International Marketing Associates Limited**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar id-deserzjoni o meno tal-kawza fit-termini tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 963 tal-Kap. 12, bil-konsegwenzi skond is-subartikolu (6) ta' l-stess Artikolu.
Is-sentenza ta' l-ewwel grad inghatat fis-6 ta' Frar 2003. Sal-lum il-kjamat fil-kawza Anthony Colerio ghadu ma giex notifikat bir-rikors ta' appell. Terga' w tghid, il-kuraturi deputati nominati biex jirraprezentaw lis-socjeta` Colcam International Marketing Associates Limited (u li gew hekk nominati fis-27 ta' Jannar 2004 – ara fol. 214 ta' l-atti) gew notifikati bir-rikors ta' appell fis-16 ta' Frar 2004 u ghalhekk wara gheluq is-sena stabbilita fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 963 tal-Kap. 12.

Konsegwentement il-kawza ghandha titqies bhala wahda dezerta bil-konsegwenza li jispicca l-appell tal-konjugi Camenzuli u s-sentenza appellata ssir gudikat.

Ghall-motivi premessi tiddikjara l-kawza deserta, li l-appell spicca u li s-sentenza appellata ghaddiet in gudikat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------